MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 111/2006

**Agricultural Co-Operative Limited (Reg no 1)**

**Vs**

**Gilbert Cutajar (ID 238473M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta` Frar, 2006, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsin lira (Lm150) rapprezentanti ammont ekwivalenti ta` flus appartenenti lis-socjeta` konvenuta li sfaw misruqa minghand il-konvenut ma kienu fil-pussess tieghu.

Bl-ispejjes u bl-imghax dekorribbli mis-16 ta` Frar, 2004.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 1 ta` Dicembru, 2006 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li huwa kien diligenti u ma kienx responsabbli ghall-akkadut.

Ezamina l-provi prodotti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi jidher li bazikament hemm qbil fuq il-fatti li waslu ghal kaz odjern. Fi ftit kliem irrizulta li terza persuna skonoxxuta serqet il-flus tal-kumpanija attrici li kienu jinsabu gewwa l-kartiera tal-konvenut fil-vettura ta` l-istess konvenut f’mument meta huwa llarga mill-karozza tieghu. Filwaqt li s-socjeta` attrici tallega li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas peress li ma gabx ruhu b’mod diligenti bhala depozitarju ta` oggetti ta` haddiehor fdati lilu (petty cash), il-konvenut isostni li ma kellu ebda htija fuq l-akkadut. L-attur isostni fit-trattazzjoni tieghu li ma rrizulta ebda zgass tal-bieba tal-vettura. Fil-fatt skond ir-rapport tal-pulizija a fol 19 tal-process, il-konvenut stess jidher li nforma lill-istess pulizija li “fethulu l-bieba ta` l-imsemmi van b’xi cavetta falza” u difatti il-konvenut ikkonferma l-kontenut ta` l-istess bil-gurament tieghu. Izid jghid ukoll li l-kartiera kienet mghottija bi flok pero` ma setax jispjega il-ghala lill-pulizija ma qalilhomx din ta` l-ahhar. Wiegeb ukoll li l-kartiera kienet ta` daqs normali li joqghod go but.

L-artikolu 1899 Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta jistipula li “Id-depozitarju ghandu fil-kustodja tal-haga taht depozitu jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta` hwejgu” u l-artikolu 1891 jispjega li “id-depozitu in generali huwa kuntratt li bih wiehed jircievi l-haga ta` haddiehor bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha in natura”.

Illi fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li l-flus kienu tas-socjeta` attrici u dawn gew kustoditi ghand il-konvenut bl-obbligu ta` dan ta` l-ahhar li jroddhom lura, obbligu li ma jistax jigi espletat minhabba l-akkadut. Illi ghandu jirrizulta

li l-konvenut kien negligenti fl-ezercizzju tal-kustodja tieghu peress illi certament ma hux ghaqli li wiehed ihalli kartiera bil-flus fuq seat ta` quddiem ta` vettura. Huwa verosimili wkoll li fl-akkadut il-vettura thalliet mhux imsakkra in vista tal-fatt li l-konvenut spjega l-istess billi allega l-uzu ta` cavetta falza u mhux li b’xi mod kien hemm zgass ta` bieba msakkra. Certament ghalhekk il-konvenut naqas mill-obbligi tieghu legali li jiehu hsieb l-oggett fdat lilu bhal li kieku kien tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa` it-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta` mija u hamsin lira (Lm150) b’dan illi l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika ta` l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------